# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

# IMĦALLEF

# ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgha, 22 ta' Frar, 2023

**Kawza Nru: 6**

**Rikors Nru: 15/2018 ISB**

**Av. Jean-Pie Gauci-Maistre (345384M)** bhala mandatarju specjali ta' **Vroon Containers B.V.,** socjeta' registrata fl-Olanda bin-numru 22055081 u b'indirizz ta' Haven Westzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda

**vs**

**Balticmax Holding Company Limited** (registrata bin-numru ta' registrazzjoni C 70765) u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2018, gie kjamat fil-kawza **Pal Leo Eckbo**

**DAN huwa digriet moghti fil-miftuh dwar rikors mressaq mir-rikorrent Av. Dr Jean-Pie Gauci-Maistre noe tal-25 ta' Novembru 2021 li jinsab a fol 718 tal-process.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' l-**Av. Jean-Pie Gauci-Maistre** noe. tal-25 ta' Novembru 2021 (fol 718);

Rat id-Digriet taghha tal-1 ta' Dicembru 2021;

Rat ir-Risposta ta' Dr Joseph Camilleri noe. tal-21 ta' Frar 2022 (fol 733);

Rat ir-Risposta ta' Dr Kevan Azzopardi qua Ricevitur Ufficjali tal-25 ta' Lulju 2022 (fol 756);

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli tlett Avukati fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2022;

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma mid-data tal-presentata tar-rikors odjern;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi r-rikors thalla ghall-llum ghall-provvediment;

**Ikkunsidrat:**

Illi il-fatti illi wasslu ghal dan ir-rikors jirrizultaw illi huma dawn, fis-succint:

Illi fit-30 ta' Novembru 2020, fl-atti ta' dawn l-istess proceduri, inghata provvediment illi permezz tieghu il-kumannija Balticmax Holding Company Limited (C-70765) giet dikjarata xjolta u nhatar bhala stralcarju, ir-Ricevitur Ufficjali Dr Kevan Azzopardi, illum elevat ghall-Gudikatura.

Illi r-Ricevitur Ufficjali beda bix-xoghol tieghu u fl-24 ta' Marzu 2021 pprezenta l-ewwel rapport tieghu (fol 685) minn fejn jirrizulta illi l-kumpannija stralcjata kienet tappartjeni f'sehem indaqs bejn Pal Leo Eckbo u Vroom Containers B.V. Irrizulta ukoll illi l-kumpannija stralcjata hija azzjonista ewlenija f'Balticmax Acquisition Corporation One Limited, li hija kumpannija registrata Malta, u li minn naha taghha, ghandha 32 kumpannija sussidjarja elenkati fir-rapport. Minn verifiki inizjali irrizulta ukoll illi s-socjeta' stralcjata ghandha krediti mal-Kummissarju tat-Taxxi, mar-Registratur tal-Kumpanniji u ma' Vroon Containers BV. Gie ukoll dikjarat illi "*hemm kawza pendenti fil-Germanja fejn l-ezitu taghha jista' jkollu impatt dirett fuq l-attiv tal-kumpannija, fis-sens illi jekk tkun favorevoli l-kumpannija jkollha prospett ta' dhul*".

Huma proprju dawn il-proceduri illi qed jaghtu lok ghal din l-istanza.

Illi mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2021, jirrizulta illi r-Ricevitur Ufficjali ddikjara in open court, illi "*fir-rigward tal-proceduri fil-Germanja ghandhom isiru trattativi bejn il-partijiet interessati biex jintlahaq ftehim dwar il-finanzjamnt tal-istess proceduri*". Ma jirrizultax illi kien hemm xi oppozizzjoni ghal din id-dikjarazzjoni.

Illi jirrizulta illi fit-2 ta' Awissu 2021 intlahaq il-ftehim msemmi ghall-finanzjament tal-proceduri legali bejn il-partijiet, bejn ir-Ricevitur Ufficjali u Pal Leo Eckbo, liema ftehim jinsab esebit a fol 710 u gie pprezentat fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021, f'liema udjenza, l-Av. Gauci Maistre noe. irrizerva l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tal-istess ftehim.

Illi proprju fil-25 ta' Novembru 2021, l-Avukat Gauci Maistre noe. ressaq l-odjern rikors li qed jigi hawnekk trattat u deciz, li permezz tieghu, wara l-premessi hemmek maghmla, huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra xierqa, necessarja u opportuna, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tezamina u tissindika l-kontenut ta' dan il-ftehim li sar bi pregudizzju ghall-esponenti, b'nuqqas ta' trasparenza, b'possibilita' ukoll ta' kunflitt ta' interess u li jisa' jkollu konsegwenzi finanzjarji serji fuq l-esponenti, u jekk jinstab illi tali ftehim sar bi pregudizzju tad-drittijiet tal-esponenti tordna lil-stess ftehim jitqies bhala null u li qatt ma sar, u sussegwentament tordna l-isfliz tieghu mill-atti ordjeni; jew tordna li l-ispejjes skonf il-ftehim dwar il-finanzjament ta'proceduri gudizzjajri barra minn Malta minn AC1 ma jkunux klassifikati bhala spejjes tal-likwidazzjoni; u/jew tordna li d-dokumenti kollha li gahndhom x'jaqsmu mal-proceduri ta'*

*AC1 fil-Germanja li ddokumenti kollha jigu pprezentati lis-socjeta' esponenti".*

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Illi minn qari tar-rikors u tat-talba li qed issir, ir-rikorrent noe. qed iressaq it-talba tieghu a bazi tal-allegazzjonijiet tieghu, li qed jigu migbura hekk:

a) Li l-ftehim sar bi pregudizzju ghall-esponent;
b) Li l-ftehim sar b'nuqqas ta' trasparenza;
c) Li l-ftehim sar b'possibilita' ta' kunflitt ta' interess;
d) Li l-ftehim jista' kollu konsegwenzi finanzjarji serji fuq l-esponent.

Dawn l-erba' ragunijiet li fuqhom qed tissejjes it-talba ser jigu mistharrga separatament, u dan anke wara illi l-Qorti ghamlet skrutinju tal-ftehim *de quo* u dokumenti ohra esebiti, flimkien mal-atti u qieset l-osservazzjonijiet maghmula mill-abbli difensuri kollha.

Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti noe. jsostni illi <u>l-ftehim sar bi pregudizzju ghalih</u>.

Il-Qorti tibda' biex tqis illi din l-allegazzjoni b'ebda mod ma giet ppruvata. Kien jispetta lir-rikorrenti noe. jipprova l-pregudizzju minnhu allegat – izda dan naqas milli jaghmlu. Jaghmel iva, numru ta' sottomissjonijiet, izda jonqos milli jressaq prova tangibbli ta' pregudizzju, li fuq kollox trid twassal, kif minnhu mitlub, ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-ftehim milhuq. Inoltre`, fir-rigward tal-allegat pregudizzju finanzjarju, dan ser jigi trattat aktar l-isfel.

Issir anke referenza ghal dak sottomess mir-Ricevitur Ufficjali meta qal espressament hekk *"....... dak kollu m'ghamiltu bl-ebda intenzjoni li nippregudika xi wahda mill-partijiet, sempliciment rajt illi kien hemm bzonn illi la hemm allegazzoni ta' wahda mill-partijiet u hemm proceduri x'wiehed jiehu dwarha, dik l-allegazzjoni tigi kawtelata u dawn il-proceduri kienu proprju dak l-appell*". Il-Qorti tqis illi din id-dikjarazzjoni ghandha mis-sewwa u hija giusta.

Dan qed jitqies rilevanti ukoll fid-dawl tal-fatt illi minn qari tal-ftehim, jirrizulta car illi Pal Leo Eckbo m'ghandux *mano libera*, izda r-Ricevitur Ufficjali zamm l-id tieghu ferma fuq l-istess proceduri u andament taghhom, u kwindi huwa mifhum illi ser ikun qieghed attent illi jara illi dawk il-proceduri ma jintuzawx biex jippregudikaw xi parti jew ohra.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti tqis illi ma giex sufficjentament ppruvat illi dan il-ftehim tat-2 ta' Awissu 2021 sar bi pregudizzju ghar-rikorrenti noe.

Fit-tieni lok, ir-rikorrent noe. jsostni illi l-<u>ftehim sar b'nuqqas ta' trasparenza</u>.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2021, *in open court*, ir-Ricevitur Ufficjali kien iddikjara b'mod car u skjett illi fir-rigward tal-proceduri fil-Germanja, "*ghandhom isiru trattattivi bejn l-istess partijiet interessati biex jintlahaq ftehim dwar il-finanzjament tal-istess proceduri*".

Tqis ulterjorment illi l-ftehim fil-fatt intlahaq xaghrejn wara, ossia, fit-2 ta' Awissu 2021 u ma jirrizultax illi fil-kors ta' dawn ix-xaghrejn saru xi osservazzjonijiet, ilmenti jew

rappresentazzjonijiet mir-rikorrent noe. Iir-Ricevitur Ufficjali, minkejja dak verbalizzat u minkejja illi la darba verbalizzat, kien ghal konsum pubbliku.

Il-Qorti ma tistghax ghalhekk tqis illi kien hemm nuqqas ta' trasparenza, anzi trid necessarjament tirrimarka ir-rettezza tar-Ricevitur Ufficjali illi gharraf minn qabel lill-Qorti, fil-qorti miftuha, dwar dak li kien qed isir u dwar dak li kellu jwassal ghal ftehim ta' finanzjament.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti noe. jsostni illi l-ftehim sar <u>b'possibilita' ta' kunflitt ta' interess</u>.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrent noe. ma rnexxilux jipprova l-kunflitt ta' interess allegat. Imma fuq kollox, il-Qorti tqis illi kif spjega r-Ricevitur Ufficjali, il-proceduri tal-Germanja ghandhom impatt fuq l-istralc li qed jikkonduci. Tqis illi l-proceduri kienu gja mibdija u gja kien hemm l-istess Avukati nkarigati sabiex imexxu l-quddiem dawk il-proceduri.

Ir-rikorrenti noe, fit-trattazzjoni tieghu ighid illi "*Paul Leo Eckbo bhala ishmatarju tla-kumpannija BHC skond il-ftehim jista' jaghti struzzjonijiet u jircievi ghan-nom tal-kumpannija .....*". Ir-Ricevitur Ufficjali minn naha tieghu jilqa' ghal dan u jirreferi partikolarment ghall-artikolu 4.2 tal-ftehim li ighid espressament "*provided that any judicial acts or other submissions shall be approved by the liquidator prior to their submission in the German proceedings*". Jispjega illi b'hekk il-likwidatur ma tax il-mano libera biex Paul Leo Eckbo jaghmel li jrid.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta illi r-Ricevitur Ufficjali ha hsieb illi l-proceduri fil-Germanja jibqa' jkollu idejh u ghajnejh fuqhom u ma jaghtix lil xi parti jew ohra vantagg fuq parti ohra billi taghmel li trid, tmexxi l-proceduri kif trid u tipprezenta li trid.

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi r-Ricevitur Ufficjali ghandu quddiemu bicca xoghol iebsa u delikata biex jassigura dan, b'dan kollu hija certa illi dan ser ikun qed isir bl-ahjar abilita' tar-Ricevitur Ufficjali. Il-Qorti ghalhekk ma jirrizultaliex illi hemm kunflitt ta' interess u fi kwalunkwe kaz, biex ikun hemm il-possibilita' ta' kunflitt ta' interess, irid ikun hemm il-ksur tal-ftehim milhuq.

B'hekk tqis illi l-anqas din l-allegazzjoni u bazi ghat-talba ma giet sodisfatta.

Fir-raba' u l-ahhar lok, ir-rikorrent noe. ighid illi l-ftehim <u>jista' jkollu konsegwenzi finanzjarji serji fuqu</u>. Jaghmel referenza ghat-tieni klawsola tal-ftehim u jirreferi ghall-flejjes "*funds*" illi "*for all intents and purposes of law shall be treated as and shall constitute costs incurred in the winding up process*". Jsostni illi in kwantu illi huwa kreditur tal-kumpannija stralcjata – dan jippregudikah.

Ghal dan ir-Ricevitur Ufficjali jilqa' billi ighid illi in effetti din ma kinitx ser taghmel ebda differenza – dan il-ftehim jew le, id-ditta ta' Avukat Germanizi maghzula jew ohra, l-ispiza illi ser tinkorri l-kumpannija xorta trid tithallas. Jghid fit-trattazzjoni tieghu "*kieku kellu jitqabbad xi hadd iehor kienet ser tkun spiza ovvjament iktar gholja a karigu tal-kumpannija. Xorta l-pregudizzju dwar l-ispejjes li semma l-kollega kien ha jigi inkors, id-differenza hi illi l-kollega u l-kollegi tieghu m'ghandhomx fiducja f'din id-ditta ta' Avukati*".

Il-Qorti tikkondividi l-hsieb u l-argument tar-Ricevitur Ufficjali. L-istralcarju, fil-vesti tieghu, dehrlu opportun illi jkompli il-kawza billi jsir l-Appell, ghaliex din il-kawza tincidi fuq l-istralc. Dehrlu ukoll illi ma kienx jaghmel sens, anke finanzjarjament, illi jitqabbdu

Avukati godda. Fir-rigward tad-diskrezzjoni adottata mir-Ricevitur Ufficjali, din il-Qorti ssib illi mhux biss taghmel sens imma hija motivita minn ragunijiet giusti fl-interess tal-partijiet kollha.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx illi r-rikorrenti noe. ghandu ragun ighid illi d-decizjoni mehuda u l-ftehim milhuq ser ikollu konsegwenzi finanzjarji serji fuqu.

Finalment, il-Qorti, wara li evalwat l-atti kollha, ma ssibx illi bil-ftehim li huwa dahal ghalih fir-rigward tal-finanzjament tal-proceduri fil-Germanja, ir-Ricevitur Ufficjali agixxa b'mod skorrett jew kontra xi provvediment tal-ligi, b'dana kollu, ghalkemm ser tichad it-talba tar-rikorrent, ser tghaddi biex taghti xi direttivi sabiex ikunu ben segwiti appuntu da parti tar-Ricevitur Ufficjali.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi qieset dan kollu u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha kif hawn fuq msemmija, tghaddi biex **tichad** it-talba ta' Dr Jean-Pie Gauci Maistre noe. kif maghmula fir-rikors tieghu tal-25 ta' Novembru 2021 (fol 718).

B'dana kollu, il-Qorti qeghda tiehu l-opportunita' illi tidderigi lir-**Ricevitur Ufficjali** sabiex:

a) Jassigura illi Pal Leo Eckbo jottempra ruhu dejjem u b'mod rigoruz mal-ftehim milhuq, u fin-nuqqas jara illi jiehu dawk il-passi legali kollha spettanti lilu;

b) Izomm kuntatt kontinwu mal-Avukati inkarigati Lebhun & Puchta u jitlob minn ghandhom, perjodikament, *update* tal-process giudizzjarju fil-Germanja inkluz mill-ispejjes inkorsi;

c) Jassigura sakemm possibbili illi ma jsir xejn fil-proceduri fil-Germanja li b'xi mod jista' jkun ta' pregudizzju ghal xi parti ohra;

d) Izomm, sakemm permess mil-ligi, lil kull parti infurmata bl-informazzjoni li jkollu fir-rigward tal-proceduri fil-Germanja, mqarr billi ssir nota fl-atti ta' dawn il-proceduri;

e) Izomm rendikont dettaljat u kif xieraq tal-ispejjes kollha illi qed jigu nkorsi u li ghadu iridu jigu nkluzi fl-ispejjes tal-istralc;

f) Jaghmel dak kollu fil-poteri tieghu sabiex jara u jassigura illi ma jkunx hemm manuvri jew b'mod iehor maniggi li jistghu jippregudikaw lil terzi, izda jara u jassigura illi jsir dak kollu necessarju u legittimu sabiex dan l-istralc jinghalaq skond il-ligi;

Spejjes ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent noe.

Moghti llum fil-Qorti fil-miftuh, 22 ta' Frar 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey** **Marisa Bugeja**

**Imhallef** **Deputat Registratur**